# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**9/18**

**Minuti tad-disa' (9) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012 (Is-Seba' Kunsill) tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2012 fil-6.30 pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (ittree xogħol mis 6 am sas 6 pm) |

**Il-laqgħa bdiet fil 6.50 ta' filgħaxija.**

**Aġenda:** ***Schedule of Payment***

**1 *Schedule of Payment (SOP)*:**

1.1 Is-Sinj Stephen Sultana ġibed l-attenzjoni għal xi riċevuti bħal:

1.1.1 Nru 235-- ir-riċevuta fuq Mario Borg u hekk kellha titnizzel fix-*SOP*.
1.1.2 Nru 253-- biex naraw fejn waslet id-devoluzzjoni u għalfejn bqajna inħallsu
1.1.3 Nru 264—Av. Sladden tħallas għal meta kellna laqgħa fuq il-kaz pendenti tan-Nutar Critien.
1.1.4 Nru 274-- biex inneħħu l-kliem *including skips on Sundays*
1.1.5 Nru 4 u 5--biex darba oħra ninfurmaw il-Kunsill meta jinxtara *IT equipment*. L-Aġent Segretarju Ezekuttiv spjega kif meta bdiet taħdem ma' dana l-Kunsill Lokali l-komputer li sabet fl-uffiċċju ma kienx jintuża mill-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv u meta tixgħel il-kompjuter kienet tistenna nofs siegħa sħiħa sakemm jixgħel u imbagħad kien idum biex jibda jħaddem il-programmi u ma setgħetx taħdem hekk; dan minbarra li ma kienx qed jiffunzjona tajjeb.
1.1.6 Is-Sinj Stephen Sultana approva biss ir-riċevuta tal-*Med Developers* nru 13. Huwa ma approvax in-numri 10, 11 u 12.
1.1.7 Ma kien hemm ebda oġġezzjoni mis-Sindku jew mill-Kunsilliera l-oħra dwar ix-*SOP*.
1.1.8 Madankollu s-Sindku wieġeb lis-Sur Sultana (1) li Mario Borg jidher li huwa wieħed mill-Grupp tal-Għaqda tan-Nar ta' Santa Venera; (2) li l-Kunsill tagħna qed jieħu ħsieb l-imsemmija rawndebawt; (3) li l-Av. Sladden qed jidher għall-Kunsill

minħabba lin-Nutar Critien qed ifittixna bil-Qorti minħabba l-*hump* ta' Triq Brejl u li l-eks Aġent Segretarju kien jipprova jirreferi kull lment serju lill-Avukat u lis-Sindku tah struzzjonijiet li jaħdmihom hu; (4) dwar Nru. 274 jibqa' kollox kif inhu u (5) minħabba li ntawlu l-laqgħat għax ma jkunx hemm kworum u kien hemm urġenza allura nxtraw biex l-amministrazzjoni taħdem kif suppost.

1.1.9 Is-Sindku ddikkjara li jekk il-laqgħat jibqgħu jittawlu kif qed jittawlu jkollu jieħu deċiżjonijiet f'każijiet ta' bżonn.

1.1.10 Rigward tal-Perit is-Sindku ta spjegazzjoni u xorta irrakkomanda biex il-Perit jagħti spjegazzjoni bil-miktub.

2 Il-laqgħa intemmet fis-7.22 ta' filgħaxija.

Is-Sur Horace J Anastasi
Is-Sindku

Is-Sinj Louise-Anne Gusman
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati Illum, it-Tnejn 18 ta' Ġunju, 2012